MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 219/2013

**Mediterranean Aviation Limited (C-4145)**

**vs**

**L-ajruplan irregistrat bin-numru 9H-ELE tal-ghamla BAE 146-300 (MSN E3209)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Formosa in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Mediterranean Aviation Company Limited, fejn dan wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' rikorrenti hija socjeta' kummercjali li tipprovdi servizzi ta' manteniment u tahzin ta' ajruplani f'Malta;

L-ajruplan intimat huwa proprjeta' tas-socjeta' Aircraft Leasing Management Company Limited u huwa operat minn Efly Company Limited, ilkoll socjetajiet Maltin;

F’dawn l-ahhar snin saru diversi xoghlijiet fuq l-ajruplan intimat waqt illi dan kien qieghed fil-*hangars*/ facilitajiet tar-rikorrenti;

Ghal dawn ix-xoghlijiet kif ukoll ghall-uzu tal-ispazju tal-*hangars* u l-facilitajiet tar-rikorrenti, is-sid u/jew l-operatur tal-ajruplan, wara diversi interpellazzjonijiet, baqa’ ma hallasx;

Kif jidher car mill-*istatement of accounts* anness u mmarkat bhala **“Dok. Medavia 01”**, is-socjeta’ operatrici tal-ajruplan intimat ghandha taghti lis-socjeta’ rikorrenti s-somma totali ta’ hamsa u sittin elf, disa’ mija u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€65,920.75), u dan ai termini tal-*invoices*, hawn annessi u mmarkati bhala **“Dok. Medavia 02”**;

L-ammonti dovuti jirrelataw ghall-ispejjez li jikkostitwixxu ‘*possessory lien*’ favur is-socjeta’ rikorrenti u dan ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap. 503 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante illi l-ajruplan jinsab fil-pussess tas-socjeta’ rikorrenti fil-facilitajiet taghha;

Minhabba dan l-istat ta’ fatt inhareg mandat ta’ arrest ta’ Ingenji tal-Ajru Kawtelatorju kontra l-ajruplan intimat, liema mandat gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta’ Frar 2013 (200/13 JPG);

Is-socjeta’ rikorrenti f’diversi okkazzjonijiet inghatat garanziji minghand l-operatur tal-istess ajruplan illi l-ammonti dovuti kif fuq imsemmija kienu ser jithallsu u illi l-hlas tal-ammonti dovuti qatt ma gie kkontestat;

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), stante illi l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tas-socjeta’ rikorrenti, l-intimata m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.

Talbet is-socjeta’ rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tisma’ u tiddeciedi din it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Tiddikjara illi l-ajruplan intimat irregistrat f’Malta bin-numru 9H-ELE (kif ahjar deskritt fl-okkju ta’ din il-kawza) huwa debitur tas-socjeta’ rikorrenti *Mediterranean Aviation Company Limited* fis-somma ta’ hamsa u sittin elf, disa’ mija u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€65,920.75), konsistenti f’bilanc minn somma akbar, prezz ta’ servizzi rezi lill-istess ajruplan;

Tikkundanna lill-istess ajruplan intimat irregistrat f’Malta bin-numru 9H-ELE (kif ahjar deskritt fl-okkju ta’ din il-kawza) sabiex ihallas minnufih lis-socjeta’ rikorrenti *Mediterranean Aviation Company Limited* l-ammont ta’ hamsa u sittin elf, disa’ mija u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€65,920.75).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ arrest datat it-13 ta’ Frar 2013 bin-numru 200/12 JPG u bl-imghaxijiet legali bl-ghola rata skont il-ligi mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-ajruplan intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm saru d-debiti notifiki a tenur tal-Art. 187, baqa’ ma deher hadd biex iwiegeb ghall-kawza.

Rat l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti jinsabu pruvati sal-grad rikjest mil-ligi kemm bil-gurament ta’ Joseph

Formosa kif ukoll bid-dokumenti annessi. Il-Qorti ghalhekk tqis li jisthoqqilhom li jigu milqugha.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba; tilqa’ t-tieni talba’ kif dedotta; tilqa’ t-tielet talba; bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-ajruplan intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------